

Brussell, 31 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11510/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0214 (NLE)

PI 106

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 350 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 350 final.

Mehmuż: COM(2018) 350 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2018
COM(2018) 350 final

2018/0214 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar
id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Ftehim ta' Lisbona tal-1958 għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom hu trattat amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali (WIPO) miftuħ għal partijiet tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali. Il-partijiet kontraenti tiegħu huma obbligati li fit-territorji tagħhom jipproteġu d-denominazzjonijiet ta' orijini ta' prodotti tal-partijiet kontraenti l-oħra rikonoxxuti u protetti bħala tali fil-pajjiż ta' orijini u reġistrati fil-Bureau Internazzjonali tal-WIPO, sakemm fi żmien sena mit-talba għar-reġistrazzjoni, ma jiddikjarawx li huma ma jistgħux jiżguraw il-protezzjoni.

Seba' Stati Membri tal-Unjoni huma partijiet kontraenti tal-Ftehim ta' Lisbona: il-Bulgarija (mill-1975), ir-Repubblika Ċeka (mill-1993), is-Slovakkja (mill-1993), Franza (mill-1966), l-Ungerija (mill-1967), l-Italja (mill-1968) u l-Portugall (mill-1966). Tliet Stati Membri tal-Unjoni ffirmaw iżda ma rratifikawx il-Ftehim (il-Greċja, ir-Rumanija u Spanja). L-Unjoni nfisha mhix parti kontraenti peress li l-Ftehim ta' Lisbona jipprevedi biss is-sħubija tal-Istati.

Il-Ftehim ta' Lisbona ġie rieżaminat mill-2009 sal-2015 bl-għan li (i) jiġi rfinat il-qafas kurrenti tiegħu, (ii) jiġi inklużi dispożizzjonijiet li jispeċifikaw li s-sistema ta' Lisbona tapplika wkoll fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, u (iii) tiġi inklużi l-possibbiltà ta' adeżjoni minn organizzazzjonijiet intergovernattivi, bħall-UE.

Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li awtorizzat lill-Kummissjoni biex tiegħu sehem fil-Konferenza Diplomatiċa li saret f'Ġinevra mill-11 sal-21 ta' Mejju 2015, li fl-20 ta' Mejju 2015 adottat l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att ta' Ġinevra"). Fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2017 fil-kawża C-389/15, din id-Deċiżjoni ġiet issostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/416 tal-5 ta' Marzu 2018 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim ta' Lisbona rivedut dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

L-Att ta' Ġinevra jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' Lisbona lil hinn mid-denominazzjonijiet ta' orijini għall-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha. Hu kompatibbli mal-Ftehim TRIPS tad-WTO u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, u jippermetti li organizzazzjonijiet internazzjonali (bħall-Unjoni Ewropea) jsiru Partijiet Kontraenti.

Il-ftehim rivedut jispjega t-termini, il-kundizzjonijiet u l-proċessi li bihom il-partijiet kontraenti jistgħu jfittxu protezzjoni għad-denominazzjonijiet ta' orijini u għall-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati, filwaqt li jippermetti s-salvagwardji u l-perjodi tranżitorji xierqa għal ċerti entitajiet.

Fir-rigward tal-proċeduri għall-applikazzjonijiet u għar-reġistrazzjoni internazzjonali, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jitolbu d-dikjarazzjoni ta' intenzjoni tal-użu jekk din tkun meħtieġa għall-protezzjoni skont il-liġi domestika tagħhom (Artikolu 5(5) tal-Att ta' Ġinevra u r-Regola 5(4) tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona (ir-"Regolamenti

Komuni”). Rigward l-informazzjoni dwar ir-rabta bejn il-karatteristiċi ta’ prodott u l-orijini ġeografika tiegħu, li hi fakultattiva skont il-Ftehim ta’ Lisbona l-antik, mhu ser ikun hemm ebda protezzjoni ta’ denominazzjoni ta’ orijini jew ta’ indikazzjoni ġeografika f’Parti Kontraenti jekk dan ir-reqwiżit ikun obligatorju hemmhekk u l-applikazzjoni ma tikkonformax miegħu. L-applikazzjonijiet għandhom jindikaw, sa fejn ikun jaf l-applikant, jekk il-protezzjoni ngħatatx għal ċerti elementi tad-denominazzjoni ta’ orijini jew tal-indikazzjoni ġeografika (Regola 5(5)).

It-tariffi għar-reġistrazzjoni żdiedu minn 500 CHF għal 1000 CHF u ddaħħlet flessibilità futura biex il-Membri jkunu jistgħu jikkontribwixxu ulterjorment għall-baġit kif ikun meħtieġ. Tariffa tranżitorja ta’ 500 CHF hija pagabbli għal kull indikazzjoni ġeografika li timxi mis-sistema l-antika għall-ġdida. Tista’ jintalab tariffa individwali mill-Partijiet Kontraenti biex jiġi kopert il-kost ta’ eżami sostantiv tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

L-Artikolu 9 jikkostitwixxi l-obbligu għal kull Parti Kontraenti biex tipproteġi d-denominazzjonijiet ta’ orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati fit-territorju tagħha, fi ħdan l-ordinament ġuridiku u l-prattika tagħha stess iżda f’konformità mat-termini ta’ dan l-Att, soġġetta għal kwalunkwe rifjut, rinunzja, invalidazzjoni jew tħassir li jistgħu jsiru effettivi fir-rigward tat-territorju tagħha.

L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-kontenut tal-protezzjoni. L-Artikolu 11(1)(a) jeħtieġ li kull Parti Kontraenti tipprovdi l-mezzi legali għall-prevenzjoni tal-użu tad-denominazzjoni ta’ orijini jew tal-indikazzjoni ġeografika fir-rigward ta’ benii tal-istess tip iżda b’orijini differenti u fir-rigward ta’ beni mhux tal-istess tip jew ta’ servizzi jekk it-tali użu jkun jindika jew jissuġġerixxi konnessjoni bejn daww l-beni jew is-servizzi u l-benefiċjarji, u jkun probabbli li jagħmlu ħsara lill-interessi tagħhom, jew jindebolixxu jew idgħajfu d-denominazzjoni ta’ orijini/l-indikazzjoni ġeografika jew jieħdu vantaġġ inġust mir-reputazzjoni ta’ dawn. Barra minn hekk, l-Artikolu 11(1)(b) ikopri kwalunkwe Prattika oħra responsabbli li tqarra bil-konsumaturi rigward l-orijini vera, il-provenjenza jew in-natura tal-beni. L-Artikolu 11(2) essenzjalment jestendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 11(1)(a) għall-każijiet previsti fl-Artikolu 23.1 tal-Ftehim TRIPS (“anki jekk l-orijini vera tal-beni tkun indikata, jew jekk id-denominazzjoni ta’ orijini jew l-indikazzjoni ġeografika tintuża f’forma tradotta jew ikunu akkumpanjati minn termini bħal “stil”, “xorta”, “tip”, “għamla”, “imitazzjoni”, “metodu”, “kif prodott fi”, “bħal”, “simili” jew il-bqija”) mingħajr, madankollu, ma jiġi limitat il-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu għall-inbejjed u l-ispiriti.

L-Artikolu 12 jiżgura b’mod effettiv li d-deżinjazzjonijiet protetti sussegwentemnet jaf ma jsirux ġeneriċi.

L-Artikolu 13(1) b’mod espliċitu jipprevedi l-koeżistenza tad-denominazzjonijiet ta’ orijini jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ma’ drittijiet tat-trademark preċedenti, f’konformità mas-sejbiet tal-panel tad-WTO fit-tilwima bejn l-UE u l-Istati Uniti/l-Awstralja (DS174/DS290) li l-koeżistenza hi bbażata fuq l-Artikolu 17 tat-TRIPS. L-Artikolu 13 jippermetti lill-Partijiet Kontraenti li jipprovdu eċċezzjonijiet limitati għad-drittijiet mogħtija minn trademark bl-effett li tali trademark preċedenti f’ċerti ċirkustanzi jaf ma tintitolax lil sidha li jipprevjeni d-denominazzjoni ta’ orijini jew l-indikazzjoni ġeografika reġistrata milli tingħata protezzjoni jew tintuża f’dik il-Parti Kontraenti.

In-notifika ta’ rifjut tal-effetti ta’ reġistrazzjoni internazzjonali għandha tistipula r-raġunijiet li fuqhom hu bbażat ir-rifjut (Artikolu 15). L-irtirar ta’ rifjut hu possibbli

skont il-proċeduri speċifikati fir-Regolamenti Komuni (Regola 11). Għad li ma hemm ebda referenza espliċita fl-Att ta' Ġinevra għan-negozjati mmirati għall-kisba tal-irtirar ta' rifjut għall-protezzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika, in-negozjati jistgħu jsiru xorta waħda anki fin-nuqqas ta' referenza espliċita.

L-Artikolu 17 (Perjodu tranżitorju) jipprevedi l-għażla ta' perjodu ta' eliminazzjoni gradwali għal użi preċedenti.

Rigward ir-raġunijiet għall-invalidazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika reġistrati, l-Artikolu 19 rilevanti ma jirreferix għar-raġunijiet ta' invalidità u, b'hekk jippermetti lil kwalunkwe Parti Kontraenti li tinwoka r-regoli domestiċi tagħha, f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE li min-naħa tagħha ma għandhiex lanqas lista enumerattiva ta' raġunijiet għall-invalidazzjoni.

L-Att ta' Ġinevra se jidħol fis-seħħ tliet xhur wara li l-ħames partijiet ikunu rratifikawh (Artikolu 29(2)).

L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona. Dan wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża C-389/15 - il-Kummissjoni vs il-Kunsill - li ċċarat li l-abbozz tal-Ftehim ta' Lisbona rivedut, jiġifieri l-Att ta' Ġinevra, essenzjalment huwa maħsub biex jiffaċilita u jirregola l-kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u Stati terzi u, it-tieni nett, hu tali li jkollu effetti diretti u immedjati fuq dan il-kummerċ, biex b'hekk in-negozjati tiegħu waqgħu taħt il-kompetenza esklużiva li l-Artikolu 3(1) tat-TFUE jagħti lill-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni prevista fl-Artikolu 207(1) tat-TFUE.

Rigward il-prodotti agrikoli, l-Unjoni stabbilixxiet sistemi uniformi u eżawrjenti ta' protezzjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed (1970), għall-ispirti (1989), għall-inbejjed aromatizzati (1991) u għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel oħra (1992). Fid-dawl tan-natura esklużiva tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, l-Istati Membri mhux suppost li jkollhom sistemi ta' protezzjoni tagħhom stess u lanqas ma jistgħu jipproteġu huma nnifishom indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli ta' pajjiżi terzi membri tas-sistema ta' Lisbona. Madankollu, dment li l-Unjoni mhix parti kontraenti tal-Att ta' Ġinevra, ma tistax tissottometti indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli reġistrati fil-livell tal-Unjoni għall-protezzjoni skont is-sistema ta' Lisbona, u lanqas ma tista' tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi membri abbażi ta' dik is-sistema.

Biex l-Unjoni teżerċita kif xieraq il-kompetenza esklużiva tagħha għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona u l-funzjonijiet tagħha fil-kuntest tas-sistemi ta' protezzjoni eżawrjenti tagħha għall-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli, l-UE jenħtieġ li ssir parti kontraenti.

Biex l-Unjoni Ewropea ssir parti tal-Att ta' Ġinevra, mill-inqas wieħed mill-Istati Membri tagħha jrid ikun parti tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, u l-Unjoni trid tiddikjara li għet awtorizzata kif xieraq biex issir parti għal dan l-Att, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha, u li skont it-trattat tal-kostituzzjoni tagħha, tapplika l-leġislazzjoni li skont din it-titoli reġjonali ta' protezzjoni jistgħu jinkisbu fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi. L-Istati Membri kollha huma partijiet tal-Konvenzjoni ta' Pariġi. Fir-rigward tal-leġislazzjoni li skont din it-titoli reġjonali ta' protezzjoni jistgħu jinkisbu fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, f'konformità mat-trattati

ta' kostituzzjoni tagħha, l-Unjoni stabbilixxiet sistemi uniformi u eżawrjenti ta' protezzjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed (1970), l-ispirti (1989), l-inbejjed aromatizzati (1991) u għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel oħra (1992).

B'din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tfittex l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Rigward il-prodotti agrikoli, l-UE stabbilixxiet sistemi uniformi u eżawrjenti ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed (1970), l-ispirti (1989), l-inbejjed aromatizzati (1991) u għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel oħra (1992). Permezz ta' dawn is-sistemi, l-ismijiet protetti għall-prodotti koperti jgawdu minn protezzjoni wiesgħa madwar l-UE, abbażi ta' proċess wieħed għall-applikazzjoni. Attwalment id-dispożizzjonijiet ewlenin huma stabbiliti għall-inbid fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013, għall-inbejjed aromatizzati fir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tas-26 ta' Frar 2014, għall-ispirti fir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-15 ta' Jannar 2008, u għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-21 ta' Novembru 2012.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona hi konsistenti mal-politika ġenerali tal-UE li tippromwovi u ssaħħaħ il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi permezz ta' ftehimiet bilaterali, reġjonali u multilaterali.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Fid-dawl tas-suġġett tat-Trattat, id-deċiżjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-Artikoli 207 u 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għal oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Mingħajr adeżjoni, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jibqgħu ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona. Fid-dawl tan-natura esklużiva tal-politika kummerċjali tal-Unjoni, li tinkludi aspetti kummerċjali tal-proprietà intellettuali, l-Istati Membri tal-UE mhux suppost ikollhom sistemi ta' protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tagħhom stess u lanqas ma jistgħu jipproteġu huma nnifishom l-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli ta' pajjiżi terzi membri tas-sistema ta' Lisbona. L-Unjoni nfisha, dment li mhix Parti Kontraenti, ma tistax tissottometti indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli reġistrati fil-livell tal-UE għall-protezzjoni skont is-sistema ta' Lisbona, u lanqas ma tista' tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi membri abbażi ta' dik is-sistema. Biex l-UE tkun tista' teżerċita l-kompetenza esklużiva tagħha kif xieraq għall-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli fis-sistema ta' Lisbona, jenħtieġ li l-UE ssir membru.

- **Għażla tal-istrument**

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra hi l-istrument legali xieraq, wara li tqies l-Artikolu 28 (Adeżjoni ma' dan l-Att) tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Pjan direzzjonali dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ġie ppubblikat fil-21 ta' Diċembru 2017 bi skadenza għall-kummenti tal-partijiet ikkonċernati sat-18 ta' Jannar 2018. Daħlu 8 kummenti sal-iskadenza. Kollha minbarra wieħed kienu baziċament pożittivi rigward l-inizjattiva u appoġġaw l-adeżjoni tal-UE. Tliet kummenti esprimew il-fehma li l-UE jenħtieġ li tmexxi 'l quddiem id-diskussjoni dwar ir-rikonossiment u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mhux agrikoli. Żewġ kummenti kienu kontra lista qasira peress li l-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-protezzjoni skont l-Att ta' Ġinevra.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-istudju ta' Ottubru 2012 magħmul minn AND International dwar “Value of production of agricultural products and foodstuffs, wines, aromatised wines and spirits protected by a geographical indication (GI)” (Valur tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, inbejjed, inbejjed aromatizzati u spirti protetti minn indikazzjoni ġeografika [traduzzjoni mhux uffiċjali]) (http://ec.europa.eu/agriculture/external-studies/value-gi_en),

identifika numru ta' benefiċċji tal-politika tal-UE dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-konsumaturi (il-garanzija tal-kwalità), għall-produtturi (id-disponibbiltà tas-sistema għall-produtturi kollha li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kwalità; il-kompetizzjoni ġusta; il-primjum tal-prezz; il-protezzjoni effiċjenti), għas-soċjetà b'mod ġenerali (ir-rabta tal-prodotti ta' valur maż-żoni rurali; il-preservazzjoni tat-tradizzjoni; it-tqarrib mill-ġdid bejn il-produtturi u l-konsumaturi) u għall-ambjent (ir-rabta tal-prodotti tradizzjonali mal-pajsaġġi u mas-sistemi tal-biedja). Filwaqt li evalwa d-dejta ekonomika dwar kull waħda mill-2768 indikazzjoni ġeografika reġistrata fl-EU 27 mill-2005 sal-2010, l-istudju sab li b'mod partikolari bħala medja, il-prezz ta' prodott b'indikazzjoni ġeografika hu 2.23 darba ogħla mill-prezz ta' prodott komparabbli mingħajr indikazzjoni ġeografika. Fl-2010, il-valur tal-bejgħ tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE (fis- setturi kollha) kien ta' EUR 54.3 biljun (5.7 % tas-settur tal-ikel u tax-xorb totali tal-UE); il-valur stmat tal-esportazzjonijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE hu ta' EUR 11.5 biljun (15 % tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-ikel u tax-xorb tal-UE).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ir-rekwiżiti tar-Regolamentazzjoni Aħjar għall-inizjattiva ma jinkludux valutazzjoni tal-impatt, pjan ta' implimentazzjoni jew konsultazzjoni pubblika. Il-Pjan

direzzjonali dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ġie ppubblikat fil-21 ta' Diċembru 2017 bi skadenza għall-kummenti tal-partijiet ikkonċernati sat-18 ta' Jannar 2018. Daħlu 8 kummenti.

Il-Linji Gwida dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar jiċċaraw li valutazzjoni tal-impatt jenħtieġ li ssir biss meta tkun utli, sitwazzjoni li jenħtieġ li tiġi vvalutata abbażi ta' każ b'każ. Fil-prinċipju, meta ftit li xejn ikun hemm għażla disponibbli għall-Kummissjoni, mhi meħtieġa ebda valutazzjoni tal-impatt. Dan hu l-każ hawnhekk peress li l-adeżjoni mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona hi ġġustifikata fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għall-kwistjonijiet koperti mill-Att ta' Ġinevra, u peress li dan il-pass ikun ukoll il-konklużjoni loġika wara l-proċess ta' rieżami tas-sistema ta' Lisbona li nediet l-UE.

Ikun hemm numru ta' vantaġġi fil-każ ta' sħubija tal-UE. Din tkun tiżgura li l-indikazzjonijiet ġeografiċi attwali u futuri reġistrati fil-livell tal-UE iżda mhux reġistrati mis-seba' Stati Membri tal-UE fl-Unjoni ta' Lisbona, jistgħu jsiru eliġibbli għal protezzjoni fis-sistema ta' Lisbona. Fil-prinċipju, l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE jistgħu jiksbu protezzjoni rapida, ta' livell għoli u indefinita fil-partijiet attwali u futuri kollha tal-Att ta' Ġinevra. Ir-reġistru multilaterali stabbilit isaħħaħ ir-reputazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi Ewropej minħabba l-firxa ġeografika wiesgħa tal-protezzjoni mogħtija mill-Att ta' Ġinevra. Il-protezzjoni internazzjonali mtejbja tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li tirriżulta mill-adeżjoni tal-UE hi mistennija li tikkonsolida u li potenzjalment iżżid l-impatti pożittivi tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fuq it-tkabbir inklużiv u l-impjiegi fil-produzzjoni b'valur miżjud għoli fis-settur agrikolu, fuq il-flussi kummerċjali u ta' investiment, il-kompetittività tan-negozji u b'mod partikolari tal-SMEs, kif ukoll fuq il-funzjonament tas-suq intern u tal-kompetizzjoni, u fuq il-protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali. Il-proprjetà intellettuali tal-bdiewa u tal-produtturi tal-ikel fil-prodotti tagħhom b'indikazzjoni ġeografika protetta hi vulnerabbli għall-isfruttament u għat-telf, speċjalment fis-swieq globali. L-adeżjoni tal-UE mas-sistema ta' Lisbona tkun ta' għajjnuna għall-partijiet ikkonċernati rurali biex jipproteġu fil-livell globali dak li hu ta' valur fil-livell lokali, u b'hekk tikkumpensa t-tendenza normali tal-globalizzazzjoni lejn standards ta' komoditajiet uniformi u pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-prodotti agrikoli. Fl-inċertezzi politiċi u ekonomiċi attwali, din turi b'mod viżibbli lill-komunità rurali li l-UE qed taġixxi biex tiddefendi u tipproteġi l-interessi tagħha madwar id-dinja. Peress li fil-biċċa l-kbira l-Att ta' Ġinevra hu ekwivalenti għall-legalizzazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, mhuwiex mistenni li l-adeżjoni tal-UE se tkun teħtieġ aġġustamenti sinifikanti fis-sustanza ta' din il-legalizzazzjoni.

Minn perspettiva amministrattiva, l-Att ta' Ġinevra jipprovdi sett uniku ta' regoli għall-kisba tal-protezzjoni fil-membri kollha u għaldaqstant, mekkaniżmu aktar sempliċi u effiċjenti meta mqabbel mal-prattika attwali tal-UE għall-indirizzar ta' diversi proċeduri lokali permezz ta' ftehimiet bilaterali. F'termini tal-politika kummerċjali, din se turi r-rwol tal-UE bħala mexxejja responsabbli fil-promozzjoni tal-multilateraliżmu. L-adeżjoni tal-UE mhix mistennija toħloq kostijiet jew piżijiet addizzjonali għall-operaturi tal-UE jew għall-Istati Membri tal-UE li jixtiequ jkollhom indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-sistema ta' Lisbona meta mqabbla mal-istatus quo. Għall-kuntrarju, mistennija li tirriżulta wkoll f'livell anqas ta' dawn il-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi.

Għan-negozji, l-adeżjoni tal-UE mhi se tinvolvi ebda aġġustament addizzjonali, kost tal-konformità jew tat-tranżazzjonijiet jew piż amministrattiv għajr ilt-tariffi tal- eżami individwali potenzjali li l-Membri ta' Lisbona jistgħu japplikaw iżda li se jitnaqqsu fid-dawl tal-iffirankat li rriżulta mill-proċedura internazzjonali.

L-Att ta' Ġinevra jippermetti l-adeżjoni tal-UE flimkien mal-Istati Membri tagħha. Madankollu, fid-dawl tan-natura uniformi u eżawrjenti tas-sistema ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE għall-prodotti agrikoli, kwalunkwe denominazzjoni ta' oriġini jew indikazzjoni ġeografika sottomessa għall-protezzjoni mis-seba' Stati Membri tal-UE fis-sistema ta' Lisbona (attwalment madwar 800) u eliġibbli għall-protezzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-UE ma għandhiex tibqa' protetta taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda esklużivament permezz tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Dan ser ikun ukoll il-każ fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fil-pajjiżi terzi membri ta' Lisbona, u sottomessi għall-protezzjoni minnhom. Konsegwentemnet, l-adeżjoni tal-UE se tirriżulta f'anqas piż amministrattiv tal-parteċipazzjoni fis-sistema ta' Lisbona għall-Istati Membri tal-UE.

B'mod partikolari, ladarba l-UE tissieħeb , se jkun hemm l-għażla ta' riferiment għar-reġistru tas-sistema ta' Lisbona minflok ma tiġi nnegożjata b'mod dettaljat il-protezzjoni bilaterali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi. Dan ikun konformi mal-prattika f'oqsma oħra tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali fejn l-UE thegġegħ lis-sħab tagħha biex jissieħbu u jikkonformaw ma' ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali bħall-Konvenzjoni ta' Berna dwar id-Drittijiet tal-Awtur u l-protokoll ta' Madrid dwar it-Trademarks, minflok ma tinholq għanqbuta ta' imprints diverġenti li jistgħu jħawdu lill-partijiet ikkonċernati.

L-adeżjoni tal-UE aktarx li tagħti inċentiv biex aktar pajjiżi terzi jissieħbu fis-sistema ta' Lisbona, peress li din tagħtihom aċċess għall-protezzjoni madwar l-Unjoni ta' Lisbona kollha, u jkunu jistgħu jibbenefikaw minn proċedura ta' eżami effiċjenti għall-indikazzjonijiet ġeografiċi individwali fil-każ li s-sistema tagħhom tkun bħal dik tal-UE.

L-adeżjoni tal-UE jista' jkollha effetti pożittivi b'mod partikolari għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li jikkunsidraw li jissieħbu fl-Att ta' Ġinevra peress li l-indikazzjonijiet ġeografiċi tagħhom ikunu jistgħu jiksbu protezzjoni fl-UE permezz tas-sistema ta' Lisbona. L-interess tal-uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Afrika bi 17-il membru, l-OAPI, li jissieħeb f'Lisbona hu propizju u hu evidenza tal-attrazzjoni tal-istrument tal-indikazzjoni ġeografika għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-valur tradizzjonali tal-bdiewa tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

Fir-rigward tal-iżvantaġġi potenzjali, dawn jistgħu jidhru fis-sħubija tas-sistema ta' Lisbona li għadha limitata , fit-tħassib li l-progress fl-indikazzjonijiet ġeografiċi fid-WTO jista' jkompli jitbiegħed wisq lil hinn; fix-xettiċiżmu ta' ċerti Stati Membri tal-UE rigward l-adeżjoni tal-UE, u fl-inċertezza fir-rigward tal-impatti finanzjarji. Madankollu, is-sistema modernizzata skont l-Att ta' Ġinevra jenħtieġ li tkun aktar attraenti għall-membri ġodda potenzjali; il-progress fid-WIPO jista' jkollu riperkussjoni pożittiva wkoll fuq id-diskussjonijiet dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi fid-WTO billi jinħolqu sinerġiji xierqa u billi l-Ftehim ta' Lisbona rivedut jitqarreb għall-proċess tad-WTO; l-Istati Membri tal-UE b'riżervi dwar is-sistema ta' Lisbona mhux ser ikunu meħtieġa jissieħbu; u l-membri ta' Lisbona għamlu progress fl-isforzi tagħhom għall-iżgurar tas-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema ta' Lisbona.

Kollox ma' kollox, il-vantaġġi tal-adeżjoni tal-UE mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona jisbqu l-iżvantaġġi. Biex tikseb l-adeżjoni tal-UE mas-Sistema ta' Lisbona, il-Kummissjoni se jkollha theggi proposta għall-atti legali meħtieġa għall-adeżjoni tal-UE mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona u għall-implimentazzjoni tiegħu.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona se tikkontribwixxi għall-issodisfar tal-Artikolu 17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tipprevedi li l-proprjetà intellettuali għandha tkun protetta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja meħmuża.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-ađeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Lisbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom tal-31 ta' Ottubru 1958¹ ("il-Ftehim ta' Lisbona") ħoloq unjoni speċjali ("l-Unjoni Speċjali") fi ħdan il-qafas tal-Unjoni għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali li ġiet stabbilita bil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali ffirmata f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1883 ("il-Konvenzjoni ta' Pariġi"). Skont it-termini tal-Ftehim ta' Lisbona, il-partijiet kontraenti jimpennaw ruħhom li fit-territorji tagħhom jipproteġu d-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti tal-pajjiżi l-oħra fi ħdan l-Unjoni Speċjali li huma rikonossuti u protetti bħala tali fil-pajjiż ta' oriġini u li huma reġistrati fil-Bureau Internazzjonali tal-Proprietà Intellettuali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali, sakemm fi żmien sena mit-talba għar-reġistrazzjoni, dawk il-partijiet ma jiddikjarawx li ma jistgħux jiżguraw din il-protezzjoni.
- (2) Seba' Stati Membri huma partijiet tal-Ftehim ta' Lisbona, jiġifieri l-Bulgarija (mill-1975), ir-Repubblika Ċeka (mill-1993), Franza (mill-1966), l-Italja (mill-1968), l-Ungerija (mill-1967), il-Portugall (mill-1966) u s-Slovakkja (mill-1993). Tliet Stati Membri oħra ffirmaw iżda ma rratifikawx il-Ftehim ta' Lisbona, jiġifieri l-Greċja, Spanja u r-Rumanija. L-Unjoni nfisha mhix parti tal-Ftehim ta' Lisbona peress li l-ftehim jipprevedi li Stati biss jistgħu jaderixxu miegħu.
- (3) Fl-20 ta' Mejju 2015, ġie adottat l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi² ("l-Att ta' Ġinevra") li rreveda l-Ftehim ta' Lisbona. B'mod partikolari, l-Att ta' Ġinevra jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Unjoni Speċjali biex tiġi estiża l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti għall-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha fi ħdan it-tifsira tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali Relatati mal-Kummerċ. L-Att ta' Ġinevra hu kompatibbli ma' dan il-Ftehim u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' deżinjazzjonijiet ta' oriġini u

¹ http://www.wipo.int/export/sites/www/lisbon/en/legal_texts/lisbon_agreement.pdf

² http://www.wipo.int/edocs/lexdocs/treaties/en/lisbon/trt_lisbon_009en.pdf

indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, u jippermetti li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jsiru partijiet kontraenti.

- (4) L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva għall-oqsma koperti mill-Att ta' Ġinevra. Dan ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2017 fil-kawża C-389/15³ li ċċarat li l-abbozz tal-Ftehim ta' Lisbona rivedut, li sussegwentement ġie adottat bħala l-Att ta' Ġinevra, hu essenzjalment maħsub biex jiffaċilita u jirregola l-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi u għandu effetti diretti u immedjati fuq dan il-kummerċ. Għaldaqstant, in-negozjati tal-Att ta' Ġinevra waqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni konferita mill-Artikolu 3(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea peress li dawn kienu fi ħdan il-qasam tal-politika kummerċjali komuni msemmija fl-Artikolu 207(1) ta' dak it-Trattat, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettuali.
- (5) Rigward ċerti prodotti agrikoli, l-Unjoni stabbilixxiet sistemi uniformi u komprensivi ta' protezzjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed (1970), l-ispirti (1989), l-inbejjed aromatizzati (1991) u għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel oħra (1992). Abbażi tal-kompetenza esklużiva skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jkollhomx sistemi nazzjonali ta' protezzjoni biex jiproteġu d-deżinjazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli ta' pajjiżi terzi membri tal-Unjoni Speċjali. Madankollu, jekk l-Unjoni mhix parti kontraenti tal-Att ta' Ġinevra, din ma tistax tissottometti deżinjazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli reġistrati fil-livell tal-Unjoni għall-protezzjoni fi ħdan l-Unjoni Speċjali, u lanqas ma tista' ttiproteġi d-deżinjazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi membri permezz tas-sistemi ta' protezzjoni stabbiliti mill-Unjoni.
- (6) Biex l-Unjoni tkun tista' teżerċita kif xieraq il-kompetenza esklużiva tagħha għall-oqsma koperti mill-Att ta' Ġinevra u għall-funzjonijiet tagħha fil-kuntest tas-sistemi ta' protezzjoni komprensivi tagħha għad-deżinjazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli, jenħtieġ li l-Unjoni ssir parti kontraenti tal-Att ta' Ġinevra.
- (7) L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra hi konformi mal-Artikolu 17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi li l-proprjetà intellettuali għandha tkun protetta.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea taderixxi mal-Att ta' Ġinevra,
- (9) Fl-Unjoni Speċjali, jenħtieġ li l-Unjoni tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("l-Att ta' Ġinevra") hi b'dan approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Att ta' Ġinevra hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-389/15, ECLI:EU:C:2017:798 [paragrafi 45 ff].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna mogħtija s-setgħa biex f'isem l-Unjoni Ewropea, tipproċedi bid-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni previst fl-Artikolu 28(2)(ii) tal-Att ta' Ġinevra, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bl-Att ta' Ġinevra.

Artikolu 3

Fl-Unjoni Speċjali, l-Unjoni għandha tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tagħmel in-notifiki neċessarji kollha skont l-Att ta' Ġinevra f'isem l-Unjoni.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tkun l-Awtorità Kompetenti msemija fl-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra fit-territorju tal-Unjoni u għall-komunikazzjonijiet mal-Bureau Internazzjonali tal-Proprietà Intellettwali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali skont l-Att ta' Ġinevra u r-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona (ir-“Regolamenti Komuni”)⁴.

Artikolu 4

Skont l-Artikolu 29(4) tal-Att ta' Ġinevra, dikjarazzjoni mehmuża mal-istrument ta' adeżjoni għandha tispeċifika estensjoni b'sena tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 15(1) tal-Att ta' Ġinevra, u l-perjodi msemija fl-Artikolu 17 ta' dak l-Att, f'konformità mal-proċeduri speċifikati fir-Regolamenti Komuni.

Skont ir-Regola 5(3)(a) tar-Regolamenti Komuni, notifika lid-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali mehmuża mal-istrument ta' adeżjoni għandha tispeċifika r-rekwiżit li, għall-protezzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika reġistrata fit-territorju tal-Unjoni, minbarra l-kontenut obbligatorju stabbilit fir-Regola 5(2) tar-Regolamenti Komuni, fil-każ ta' denominazzjoni ta' oriġini, l-applikazzjoni għandha tindika d-dettalji dwar il-kwalità jew il-karatteristiċi tal-ben u r-rabta ta' dan mal-ambjent ġeografiku taż-żona ġeografika tal-produzzjoni, u, fil-każ ta' indikazzjoni ġeografika, d-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-ben u r-rabta ta' dan maż-żona ġeografika ta' oriġini.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...].

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁴ Ir-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona kif adottati mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Lisbona fil-11 ta' Ottubru 2017, http://www.wipo.int/meetings/en/doc_details.jsp?doc_id=376416, Dok. WIPO A/57/11 tal-11 ta' Ottubru 2017.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		FS/18/YG/mh XXX agri.ddg2...XXX			
		6.221.2018.1			
		DATA: 05.03.2018			
1. INTESTATURA TAL-BAĠIT: 05 06 01		APPROPRJAZZJONIJIET: EUR 7.228 miljun			
2. TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi					
3. BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikoli 207 u 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea					
4. GĦANIJIET: B'din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tfittex l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra					
5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI 2018 (miljuni ta' EUR)		SENA FINANZJARJA LI JMISS 2019 (miljuni ta' EUR)	
5.0 NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	-	1.0 1.0 - -		1.0 (stima)	
5.1 DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (IMPOSTI/DAZZJI DOGANALI) - NAZZJONALI					
	2020	2021	2022	2023	
5.0.1 STIMA TAN-NEFQA					
5.1.1 STIMA TAD-DĦUL					
5.2 METODU TAL-KALKOLU: mhux iddeterminat f'dan l-istadju					
6.0 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?				IVA LE	
6.1 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?				IVA LE	
6.2 SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?				IVA LE	
6.3 SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?				IVA LE	
OSSERVAZZJONIJIET: It-tariffi għandhom jiġġarrbu mill-Istat Membru minn fejn toriġina d-denominazzjoni ta' orġini jew l-indikazzjoni ġeografika. Madankollu, l-Unjoni tista' tagħmel kontribuzzjoni speċjali skont l-Artikolu 24(2)(v) tal-Att ta' Ġinevra fi ħdan il-mezzi disponibbli għal dan l-għan fil-baġit annwali tal-Unjoni. Fl-2018, ammont ta' EUR 1 miljun hu allokat għal-linja baġitarja 05 06 01 għal dan l-għan.					

